**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**HAL LIJA**
**TEL NO : 21416111 FAX : 21416941**
**EMAIL : lija.lc@gov.mt**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 58

<u>Il-Ħamis 16 ta' Marzu 2017</u>

Il-Kunsill Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Robert Mifsud Bonniċi, fil-4:30PM ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sinjura Magda Magri Naudi – Sindku
Is-Sinjorina Stephanie Cutajar – Viċi Sindku
Dr. Marc Sant – Kap tal-Minoranza
Is-Sinjorina Lorraine Farrugia – Kunsilliera
Is-Sinjur Massimo Scerri - Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Ħadd

ASSENTI
Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Georgette Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi ppresedjat il-laqgħa.

## 58.1 Introduduzzjoni

58.1.1 Il-laqgħa bdiet fil-5.30p.m. peress li ġie resident u ressaq ilment fuq sqaq numru 1Triq Preziosi. Huwa ilmenta li kellu u għadu qiegħed isib ħafna vandaliżmu fuq il-karozzi tiegħu.

58.1.2 F-istess ħin huwa qed jgħid li rċieva ħafna ilmenti mir-residenti anke intbagħtu l-pulizija mill-għassa ta' B'kara u Ħal Balzan minħabba li huwa qed jipparkja ġo l-isqaq u qiegħed jostakola l-isqaq u kemm fire engine u ambulanza ma jistawx jidħlu f'dan l-isqaq.

58.1.3 Huwa qed jgħid li anke mingħajr karozzi dawn xorta ma jistgħux jidħlu. Kważi kważi huwa lest li ibiegħ id-dar u jitlaq.

58.1.4 Huwa qed jissuġerixxi li ma jsir xejn fl-isqaq għax ikun hemm problema li jitnaqqsu żewġ parkeġġi.

58.1.5 Il-Kunsill ser ikompli jiddiskuti dan l-ilment iktar il-quddiem fil-laqgħa.

58.1.6 Il-laqgħa bdiet b'introduzzjoni mis-Sindku fejn stiednet lill-Kunsilliera biex jagħmlu l-korrezjonijiet tagħhom għall-minuti nr 57 tas-16 ta' Frar 2017 u anke il-korrezzjonijiet tal-minuti tal-laqgħa tal-lokalita' li saret ukoll fis-16 ta' Frar 2017.

58.1.7 Korrezzjonijiet ma kienx hemm u fuq proposta tas-Sinjorina Lorraine Farrugia sekondata minn Dr. Marc Sant minuti nr 57 bid-data tas-16 ta' Frar 2017 ġew approvaiti unanimament

58.1.8 Fuq proposta tas-Sinjorina Stephanie Cutajar sekondata mis-Sur Massimo Scerri, il-minuti tal-laqgha tal-lokalita' ġew approvati unanimament.

## 58.2 Punti mqajma mill-minuti

58.2.1 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant staqsa fejn kien wasal ix-xogħol fuq il-bandiera.

58.2.2 Is-Segretarju nfurmat li l-Perit qal li għal bandiera fuq bankina xorta waħda irid isir full development permit.

58.2.3 Is-Segretarju nfurmat li tkellmu ma' diversi kunsilli biex jaraw x'kienu għamlu biex tpoġġiet bandiera imma ma wasalna mkien għax ħafna minnhom qalu li dan ix-xogħol ilu naqra li kien sar u m'għandhomx informazzjoni.

58.2.4 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar irringrazzjat tax-xogħol li sar mill-ħaddiema fuq it-tappieri.

58.2.5 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat lill-Kunsill li wara li staqsejna lid-Dipartiment fuq l-Expression of Interest, dawn qalulna li m'hemmx bżonn issir għalhekk kull ma rridu nagħmlu huwa li nduru għal postijiet.

58.2.6 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant qal li din konna ser nagħmluha għalina u xorta waħda nistgħu nipproċedu biha.

58.2.7 Is-Segretarju kkonfermat li meta tkellmet ma' l-Accountant fuqha din ukoll qablet li l-*expression of interest* għandha ssir xorta waħda.

58.2.8 Il-Kunsill qabel li din għanda ssir u għandu jiġi iċċekkjat ir-rati tar-reklamar fuq il-gazzetti baqax l-istess.
58.2.9 Il-Kunsilliera tkellmu fuq is-signs ta' reklamar li qed jitwaħħlu fuq l-arbli ġewwa Ħal Lija.
58.2.10 Is-Segretarju nfurmat li tkellimna ma' waħda min dawk li qed twaħħal ir-reklam u qalet li dawn twaħħlu proviżorjament sakemm jaslu il-propja signs. Hija għandha tiġi tħallas.
58.2.11 Għandu isir mezz biex induru r-raħal għal dawn ir-reklami u nieħdu azzjoni.

## 58.3 Komunikazzjoni mis-Sindku u VIP List

58.3.1 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet fuq il-laqgħa tar-Reġjun li kienet attendiet.
58.3.2 Hija tkellmet fuq in-Norwegian Funds fejn Ħal Lija ma kienetx ser tikkwalifika pero waslet korrispondenza li Ħal Lija issa tikkwalifika għal dawn il-fondi.
58.3.3 Il-MinorityLeader Dr. Marc Sant tkellem fuq dawn il-fondi u qal li l-Urban area huma eliġibbli imma l-iskemi għad iridu jiġu deċiżi.
58.3.4 Dawn il-fondi ser ikunu fuq *social exclusion of ageing population and children* kompliet tgħid is-Sindku.
58.3.5 Hija qalet mir-Regjuni kollha, ir-Regjun Ċentru kien l-ewwel li sar *feasibility study.*
58.3.6 Is-Sindku poġġiet fuq il-mejda kopja tar-*Region Economic Social and Cultural Community Plan* u kopja ta' l-extract tiegħu li għandna tintbagħat lill-Kunsilliera.
58.3.7 Is-Sindku qalet li fil-laqgħa tar-Reġjun ħareġ li peress li ħadd m'hu espert f'dan il-qasam, li kieku ikun hemm persuna li taħdem fuq dan l-istudju fuq tlett Kunsilli.
58.3.8 Is-Sindku qalet li hawn kumpaniji *Devlopment Agencies* li huma esperti f'kollox u ikun jistgħu jgħinu.
58.3.9 Is-Sindku qalet li hemm flus allokkati għal dan il-għan.
58.3.10 Is-Sindku qalet li għandna nirċievu aktar fondi mir-Reġjun biex inkunu nistgħu nagħmlu xi proġetti żgħar bihom.
58.3.11Resident xtaq jagħmel request għal double yellow lines mal-ħajt tal-kappella ta' San Pietru int u sejjer għat-triq id-Dejqa għaliex meta jkun hemm il-karozzi pparkjati għalkemm mhux suppost jipparkjaw hemm għaliex it-triq dejqa ħafna tingħalaq. F'din it-triq jagħddu l-karozzi minnha għaliex tinfed.
58.3.12 Il-Kunsill iddiskuta dan ir-request barra li irridu nġibu aktar informazzjoni fuq dan l-ilment għax jekk isiru il-yellowlines ser jitnaqqas il-parkeġġ.
58.3.13 Ġie deċiż ukoll li importanti li nitkellmu ma' sid tal-karozza li qed tgħaddi dejjem 'one way'.
58.3.14 Għandna nistaqsu lir-resident għaliex irid dawn il-yellow lines għax kif inhi t-triq xorta waħda jgħaddu l-karozzi.
58.3.15 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar issuġerit li għandha niċċekkjaw kemm jiswew il-pigeon repellent on windows.
58.3.16 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar qed terġa' tagħmel request biex nerġgħu nibgħatu lill-Pulizija minħabba *double parking* li qed isir filgħaxija fil-Pjazza.
58.3.17 Dan qed ikun ta' periklu u allaħares iweġġa' xi ħadd.
58.3.18Resident xtaq jagħmel request għal sign ħdejn il-Museum ta' subien fi Triq il-Kunċizzjoni fejn turi li hemm Museum għaliex il-karozzi jgħaddu sparati.
58.3.19 Il-Kunsill qabel li din is-sign għanda ssir u anke trid issir directional sign ta' ħdejn is-sorijiet ta' Ursolini.
58.3.20Resident li joqgħod f'ta' Senna area xtaq jagħmel request biex ic-central strip li hemm fi Triq Agostino Portelli (ritratt anness) titwal aktar il-fuq jew isiru bollards biex il-karozzi ma jdurux magħha u jużawha bħala roundabout.

58.3.21 Il-Kunsill iddeċieda li għandhom isiru tlett bollards u anke tinxtara bollard oħra biex titwaħħal f'Mosta Road ħdejn l-oħrajn għax hemm bżonn.
58.3.22 Waqt il-laqgħa tal-lokalita' kien hemm request mingħand resident għal sleeping policeman biex isir fi Triq Annibale Preca fejn tidjieq it-triq.
58.3.23 Il-Kunsill iddiskuta din ir-request u kien hemm consenus li ninforzaw li ma jsirx speed tal-karozzi.
58.3.24 Is-Sindku qalet li hija riedet tistaqsi biex tara jekk nistawx nisselfu camera u titwaħħal notice li hemm roaming camera.
58.3.25 Waqt il-laqgħa tal-lokalita' kien hemm resident fejn għamel request biex temporanjament isir xi ħaġa bħal water culvert jew biex l-ilma jaqleb lejn l-għelieqi minħabba l-problema li għandu fil-plot tiegħu, li għada mhiex mibnija, kull darba li tagħmel ix-xita. Il-Kunsill diġa bagħat e-mail li TM rigward li dik il-parti għada ma saritx bit-taramc staqsa meta hemm il-ħsieb li ssir.
58.3.26 Is-Segretarju nfurmat li kienet diġa reġgħet intbagħtet talba lit-TM. Għandha terġa ssir reminder.
58.3.27 Is-Segretarju nfurmat li r-resident qed jitlob li temporanjament isir water culvert.
58.3.28 Ġie deċiż li għandna mmorru mal-ħaddiema biex nimarkaw fejn għandu jitħaffer dan il-water culvert.
58.3.29 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi staqsiet jekk kienet intbagħtet l-ittra li hija kienet kitbet bħala feedback wara il-laqgħa li hija kellha mal-kabinett.
58.3.30 Din l-ittra għandha tintbagħat lin-nies li stiednuna tal-kabinett kif ukoll kopja lill-Kunsilliera.
58.3.31 Resident li joqgħod fi Triq Merino qiegħed jistaqsi l-Kunsill jekk jistax jagħmel sign mal-ħajt tal-garage tiegħu 'No Parking one meter double yellow lines'. Dan għaliex alavolja għandu sign mal-garage 'No Parking' u kif ukoll mal-ġenb tal-garage għandu l-one meter double yellow lines xorta waħda jipparkjaw. Għalhekk hu qiegħed jistaqsi jekk jistax jagħmel sign hu fejn ikollu bil-miktub forsi jindunaw aktar li hemm is-sinjali mal-art. Il-Ħaddiema tagħna diġa friskaw dawn il-lines.
58.3.32 Il-Kunsilliera ddiskutew dan ir-request u ġie deċiż li s-Sinjorina Lorraine Farrugia għandha tiċċekkja dwar dan.
58.3.33 Wara il-laqgħa li kellna ta' 20 ta' Jannar 2017 ġbarna feedback mingħand ir-residenti ta' Triq il-Forn u Triq il-Kbira rigward requests għal sleeping policeman. (anness hemm il-listi ta' dawn iż-żewġ toroq)
58.3.34 Wara li l-kunsilliera raw dan il-feedback tar-residenti ħareġ li dan kien fjakk ħafna peress li tlieta minn nies biss irrispondew għall-sleeping policeman ta' Triq il-Forn u persuna oħra irrispondiet għall-sleeping policeman ta' Triq il-Kbira.
58.3.35 Għandu jiġi iċċekkjat dan il-feedback.
58.3.36 Residenta qed tagħmel request biex jew isiru il-parking bays fi Triq il-Mitħna minn dar 'Arzella' sa dar 'Roots' jew inkella jsirulha double yellow lines mal-ġnub tal-garaxx. Dan għaliex il-karozzi qed jipparkjawlha eżatti mal-grada tal-garaxx u ma tkunx tista' iddur u toħroġ sew mill-garaxx. Għalhekk trid jew li jsiru l-parking spaces ħalli l-karozzi jipparkjaw sew jew double yellow lines ħalli ma jipparkjawx eżatti mal-koxxa tal-garaxx.
58.3.37 Il-Kunsill iddiskuta dan ir-request imma għalkemm m'għandiex bżonn, il-Kunsill iddeċieda li nagħmlu *half a meter yellow lines* anke għal fatt li diġa għandha rampa maħruġa l-barra.
58.3.38 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet fuq il-kuntratt ta' l-avukat tal-Kunsill.
58.3.39 Hija qalet li diġa kienet kellmet lill-Kunsill fuq dan għal fatt li meta kien hawn l-awdituri talbu biex jaraw it-tenders.
58.3.40 Kien hemm problema għax ma setax jinfetħu d-dokumenti kollha ta' dik it-tender partikolari.

58.3.41 Il-Kunsill talab l-għajnuna tad-Dipartiment fejn dan informa li minn naħa tiegħu kien infetaħ kollox u issuġerewlna li nitolbu l-għajuna tal-Contracts Department.
58.3.42 Il-Contracts Department qalulna li huma ukoll setgħu jiftħu kollox pero kien hemm problema għax id-dokument li nfetaħ kien jaqra dokument ieħor u mhux il-*financial bid.*
58.3.43 Il-Kunsill reġgħa mar għand id-Dipartiment biex jerġa' jieħu parir u d-Dipartiment kien ta' l-idea li mmorru għal parir mingħand espert.
58.3.44 Is-Sindku qalet ukoll li aħna dejjem ikkonsultajna mad-Dipartiment għal dawn it-tenders imma s-sistema kienet ġdida għal kulħadd u ma ndunajniex bl-iżball li sar.
58.3.45 Il-Kunsill kollu qabel flimkien mas-Segretarju li ma kienx hemm biżżejjed taħriġ li ingħata fuq din is-sistema għax l-anqas is-Sindki u l-Kunsilliera ma kellhom taħriġ sewwa fuq is-sistema l-ġdida tat-tenders.
58.3.46 Ġie deċiż mill-Kunsill li ngħidu lil Avukat Joe Zammit Maempel li lest li jgħinna.
58.3.47 Il-Kunsill qabel dwar dan u noqgħodu fuq il-pariri tiegħu.
58.3.48 Is-Segretarju nfurmat li diġa hemm kuntratt iffirmat u ilu sitt xhur. Dan il-kuntratt suppost irid jiġġedded wara sena imma issa noqgħodu fuq il-parir ta' l-Avukat Joe Zammit Maempel.
58.3.49 Tressqet korrispondenza mingħand residenta li toqgħod Sqaq numru 1 Triq Preziosi. Din tressqet b'e-mail mingħand is-Sinjura Erika Zammit rigward il-grid box li saret f'dan l-isqaq.
58.3.50 Din ir-residenta ma tridx il-grid quddiem il-bieb tagħha imma tridha fil-bidu ta'l-isqaq.
58.3.51 Hija qed tgħid li l-Kunsill ma fehemx eżatt x'ridet.
58.3.52 Il-Kunsill iddiskuta dan l-ilment.
58.3.53 Ġie deċiż li l-grid tibqa' fejn hi u napplikaw għal *white walking line* in-naħa tar-residenta tul it-triq kollha u anke napplikaw ukoll għal two corners fuq kull naħa ta' l-entratura ta' l-isqaq.
58.3.54 Resident qed jitlob biex ikollu double yellow lines mal-ġnub tal-garaxx tiegħu li qiegħed mad-dar 'Rose Garden' ġo triq il-Mitħna. Dan għaliex qed jipparkjawlu quddiem il-garaxx u hu mhux qed jsib jipparkja mkien.
58.3.55 Il-Kunsill iddiskuta dan ir-request u qabel li għandu jsir *half a meter double yellow lines.*
58.3.56 Email mingħand il-European Commission rigward il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà biex jinbeda t-tlaqqigħ taż-żgħażagħ mal-organizzazzjonijiet għall-attivitajiet ta' solidarjetà.
58.3.57 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet fuq din il-korrispondenza u ħeġġet lill-Minority Leader, Dr. Marc Sant u lis-Sinjorina Stephanie Cutajar il-link fuq dan is-suġġett.
58.3.58 Residenta tixtieq tagħmel request biex is-Sibt 25 ta' Marzu tikri l-ground ta' fejn il-ġnien ta' Ċentru Rekreattiv bejn 2:00p.m. – 3:00p.m.
58.3.59 Il-Kunsilliera ma setawx jieħdu deċiżjoni peress li ma kienux jafu eżatt għal fejn kien ser jintuża dan il-ground.
58.3.60 Wara li l-Kunsill ikollu l-informazzjoni ikun jista' jiddeċiedi.
58.3.61 Inqrat korrispondenza fejn kien hemm request biex tingħata *donation* għal Parkinson's *organization.*
58.3.62 Il-Kunsill iddiskuta din ir-request u ġie deċiż li nistaqsu kunsilli oħra u nistaqsu ukoll lir-Reġjun biex naraw huma x'ser jagħmlu.
58.3.63 Is-Segretarju nfurmat li l-Audit kien spiċċa u mar tajjeb u li l-Audited Accounts li iridu jiġu preżentati għand l-Awditur Ġenerali sa mhux aktar tard mit-28 t'April 2017.
58.3.64 Għalhekk il-Kunsill irid jiltaqa' apposta biex japprova dawn l-accounts jekk mhux fil-laqgħa tal-Kunsill.
58.3.65 Minħabba din id-data il-Kunsill iddeċieda meta ser isiru il-laqgħat tal-Kunsill.
58.3.66 Ġie deċiż li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss issir fil-11 ta' April 2017 fil-5.00p.m. u dati l-oħra tal-laqgħat ġie deċiż kif ġej:
27 ta' April 2017

25 ta' Mejju 2017
22 ta' Ġunju 2017
26 ta' Lulju 2017

58.3.66 Is-Segretarju tkellmet fuq it-tender document tal-ġbir ta' Skart Domestiku li qed tiġi ippreparata biex tintbagħat lil Dipartimet għal l-approvazzjoni.

58.3.67 Is-Segretarju talab lill-Kunsill biex jiddeċiedi l-ħin meta għandu jinġabar l-iskart.

58.3.68 Il-Kunsilliera qablu li dan għandu jinġabar filgħaxija pero ġie deċiż li għandha tintbagħat ċirkulari lir-residenti kollha biex jagħtu s-suġġerimenti tagħhom f'dan ir-rigward.

58.3.69Ġie deċiż li jinġabru l-kowtazzjonijiet mingħand printers bħal Palmyra, CopyClub, Copy Quick biex jiġu printed il-flyers u wara jitqassmu lil kull household.

58.3.70Residenta tixtieq tagħmel request lill-Kunsill Lokali biex il-Kunsill isewwi l-spaction li għandha fuq ir-rampa tagħha fi Triq Annibale Preca int u sejer lejn il-Knisja tal-Mirakli u jagħmilha tal-ħadid għaliex tal-plastic kull darba tinqasam meta l-karozzi jagħddu minn fuqha . L-istaff diġa spjegawlha li diment li qegħda fuq ir-rampa tagħha hi trid tagħmilha imma r-residenta baqgħet tirsisti u tgħid li r-rampa l-Kunsill għamilha u allura l-Kunsill irid isewwiha.

58.3.71Il-Kunsill qabel ma' din ir-request.

58.3.72Inqrat korrispondenza mingħand residenta li toqgħod fi Triq Robert Mifsud Bonnici biex isir white parking bay għall-karozza waħda biss quddiem id-dar tagħha, peress li m'hemmx biżżejjed spazju għall-parkeġġ ta' żewġ karozzi. Ir-residenta qed tgħid li jekk hemm bżonn għandna nkabbru d-*double yellowlines* mill-*construction site*.

58.3.73Il-Kunsill iddiskuta dan ir-request u qabel li għandu isir il-white line u il-yellow lines ma ġenb il-garage.

58.3.74Is-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet fuq resident li kien applika għall-reserved parking pero ma ġiex approvat minn Transport Malta peress li huwa għandu garage.

58.3.75Huwa qed jagħmel request għall-kaxxa safra quddiem il-garage. Ir-resident qed jgħid li TM approvaw li ssir yellow box quddiem il-garage. Għandu jiġi iċċekkjat dan u jekk m'hemmx din ir-request trid tintbagħat lit-TM.

## 58.4 Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera

58.4.1 Il-Minority Leader Dr.Marc Sant staqsa fuq il-fondi ta' l-LES.

58.4.2 Is-Segretarju kkonfermat li sa l-aħħar tas-sena 2016 il-Kunsill kellu f'idejh €10,408.59 imma din is-sena għadhom ma ġewx iktar fondi.

58.4.3 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat li għandhom jidħlu madwar €7,000 mill-LES.

58.4.4 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant qal li għandna €10,000 mill-LES u €12,000 mill-fondi ta' UIF għalhekk nkunu nistgħu nagħmlu xi proġett fir-raħal.

58.4.5 Saret diskussjoni fuq xi proġetti li jistgħu isiru għalkemm dawn il-fondi mhumiex biżżejjed biex isir proġett bħal patching.

58.4.6 Il-Kunsill iddiskuta jekk għandhux isir patching bil-konkos imma din kontra l-liġi.

58.4.7 Il-Minority leader staqsa jekk tistax li b'dawn il-fondi issir il-bankina ta' Transfiguration Avenue.

58.4.8 Il-Kunsill qabel li ċertament dawn il-fondi mhumiex biżżejjed biex isiru proġetti kbar.

58.4.9 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat lill-Kunsill li ser ikollna nagħmlu risk assessment ta' l-uffiċċju u ta' l-istaff u dan ser isir flimkien mar-Reġjun.

58.4.10 Dan ser jiġi jiswa madwar €400.00

58.4.11 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li meta ġew l-uffiċċjali fl-uffiċċju dawn qalu li għandna ħafna affarijiet li mhumiex qegħdin tajjeb bħala safety, bħal wiring ta'l-uffiċċju, l-umdita' fl-uffiċċju u affarijiet oħra.
58.4.12 Iridu isiru fire drills u nirranġaw ċerti affarijiet.
58.4.13 Is-Segretarju nfurmat li fost l-affarijiet li rranġajna kienu l-'first aid box, fire extinguishers u skrivana marret First Aid Course.
58.4.14 Is-Segretarju tkellmet fuq ix-xogħol tal-kuntrattur tal-ġnien fejn nfurmat li matul din il-ġimgħa kien qed jitnaddaf Halmann imma kien fadallu l-aħħar biċċa, nadfu ukoll is-soft area u anke għandu jagħmel il-passaġġ tal-ġnien.
58.4.15 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet fuq ix-xogħolijiet li għandhom isiru fi Triq Salvu Mifsud kantuniera ma' Triq Dun ĠuzeppTanti.
58.4.16 Għandha tintbagħat reminder lill-Kuntrattur.
58.4.17 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia enfasiżżat li Halmann għandu jinkines wara li jinqata' mill-ħaxix.
58.4.18 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet fuq il-Bus Shelter ta' Kardinal Ferretti.
58.4.19 Is-Segretarju nfurmat li għandha tintbagħat reminder fuq dawn ix-xogħolijiet.
58.4.20 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia nfurmat lill-Kunsill li l-garbage fi Triq Salvu Mifsud xorta waħda għadu qed jidgezzez.
58.4.21 Allura ġie ssuġerit li wara li ntbgħatet ittra lir-residenti biex il-garbage iħalluh ħdejn ir-residenza tagħhom, issa għandna nibagħtu l-istess ċirkulari fil-garages li hemm.
58.4.22 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qed tistaqsi x'għandu isir biex napplikaw għal bozza ġdida.
58.4.23 Is-Segretarju nfurmat li l-proċedura issa hija li l-ewwel għandu jitkejjel id-distanza ta' 30 metres mill-aħħar bozza. Jekk id-distanza tkun iktar trid titwaħħal il-bozza mill-Kunsill.
58.4.24 L-Enemalta jiġu jiċċekkjaw li d-distanza tkun kif suppost umbagħad jikkomunikaw il-bozza.
58.4.25 Jekk id-distanza ma tkunx tajba il-bozza trid tinqala' u tinżamm il-Kunsill.
58.4.26 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qed tgħid li hemm bżonn bozza ġdida fi Triq id-Dejqa fl-isqaq tar-residenti Strickland.
58.4.27 Hija kompliet tgħid li hemm bżonn ta' bozza oħra fi Triq id-Dejqa.
58.4.28 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi qalet li hemm bżonn bozza ġdida oħra fi Triq Karlu Darmanin u hemm bozza li diġa nbdiet il-proċedura tagħha biex titwaħħal fi Triq Andrea Zammit.
58.4.29 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li fil-laqgħa plenarja ġie diskuss l-allowance tal-Kunsilliera fejn intqal li l-Kunsilliera għandhom jimlew formola biex it-taxxa jiħduha kollha lura.
58.4.30 Għandu jiġi ndagat iktar dwar dan (mas-Sindku ta' Santa Lucia jew s-Sur Mario Fava)
58.4.31 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li din il-ġimgħa ħareġ xi ħaġa fuq l-ismijiet tat-toroq.
58.4.32 Hija qed tgħid li l-ismijiet tat-toroq f'Halmann mhumiex qegħdin tajbin.
58.4.33 Hija qed tgħid li hemm sign li trid tinqala' minn Halmann u titwaħħal in-naħa tan-Nestle.
58.4.34 Is-Sinjorina Farrugia kompliet tgħid li hemm tabelli neqsin ħdejn kif tibda l-kappella tal-Kunċizzjoni sa fejn tasal limiti ta' Sejduna.
58.4.35 Is-Segretarju u S-Sinjorina Farrugia għandhom imorru 'on site' biex jiċċaraw x'hemm bżonn isir.

58.4.36Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq il-proġett tal-Housing Estate peress li l-ġurnata ta’ qabel kienet tħabbret l-iskema u li bħala Kunsill mhux ser jiġu nvolut.

58.4.37Hija qed tgħid li hemm xi residenti li qed jistaqsu jekk is-suġġerimenti li kienu għamlu qabel humiex ser jikkonsidrawhom, jekk mhumiex ser jinfurmaw lir-residenti tal-Housing Estate meta ser jinbeda’ ix-xogħol għax hemm xi affarijiet li ma jidhrux u hemm bżonn ta’ xogħol fuqhom bħal pipijiet tad-Dranaġġ.

58.4.38 Għandha tintbagħat korrispondenza lis-Sinjura Vassallo b’dawn il-mistoqsijiet.

58.4.39 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant tkellem fuq is-Sun Eagle project li tnediet mill-Assocjazzjoni.

58.4.40 Huwa qal li sar studju mill-awdituri fuq kemm jinħela elettriku. Huwa qal li qed jitħallas ħafna elettriku u staqsa fuq il-proposal ta’ *energy savers*.

58.4.41Il-Minority Leader Dr. Marc Sant ser jistħarreġ iktar fuq dan il-proġett.

58.4.42Il-Minority Leader Dr. Marc Sant staqsa kif konna bqajna fuq l-affarijiet li kienu ġew diskussi mat-TM fil-laqgħa li saret f’Novembru tas-sena l-oħra.

58.4.43 Is-Segretarju nfurmat li hija kienet tkellmet mas-Segretarju mas-Sur Cohen biex l-affarijiet li kienu ġew approvati waqt il-laqgħa jiġu approvati bil-miktub.

58.4.44 Intbagħtu diversi reminders lit-Transport Malta fuq dan.

58.4.45Il-Minority Leade r Dr. Marc Sant issuġerixxa li jerġgħu jintbagħtu reminders u ngħidu li jekk sa żmien ġimgħa ma nirċievu xejn neħduha li l-affarijiet ikun approvati.

58.4.46 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet fuq il-laqgħa li hija kellha ma’ Francelle Caruana tal-Malta Tourism Authority fuq ir-restawr tat-Torri.

58.4.47Huma qalu li ħarġu xi fondi għar-restawr. Huma anke ġew biex jiħdu l-*ispecifications* tat-Torri.

58.4.48Huma qalu li meta t-Torri jiġi restawrat dan flimkien mal-Mitħna għandu jkollu l-opening times għall-pubbliku. Dan għandu isir b’voluntieri.

58.4.49 Hija kompliet tgħid li qed infittxu ritratti antiki ta’ Ħal Lija biex tinbena exhibition permanenti ġol-Mitħna.

58.4.50 Fuq l-open day ta’ Villa Francia, il-MinorityLeader Dr. Marc Sant qal li għad ma għandux konferma li nistgħu nagħmlu din l-attivita’ ġo Villa Francia fil-21 ta’ Mejju 2017. Qed nistennew risposta.

58.4.51Huwa qal li tkellem ma’ tal-Banda San Pio X u tagħhom il-proposal li għandu ikun hemm il-banda ta’ tlett irħula.

58.4.52Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat lil Dr. Sant li jekk jista jkun malajr irridu konferma ta’ l-affarijiet biex ikunu nistgħu nipproċedu.

58.4.53 Il-Minortiy Leader Dr. Marc Sant staqsa fuq l-attivita’ tal-Cultural Tours.

58.4.54Is-Segretarju nfurmat li wara li tawna l-informazjoni fuq x’ser noffru lid-delegazzjoni ma rċevejna xejn mingħandhom.

58.4.55 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat lill-Kunsill li ssuġerit li l-ħaddiema jaħdmu fuq il-Mitħna, bħal kisi ta’ ċaċċis ta’ twieqi u dak li jkun hemm bżonn.

58.4.56 Il-ħaddiema tal-Kunsill għandhom jibdew jaħdmu fuq dan ix-xogħol ħalli meta jiġu l-ħaddiema l-oħra tar-Reġjun Ċentru f’Mejju jitkomplew x-xogħolijiet flimkien.

58.4.57Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat lill-Kunsill li kellha daqsxejn ta’ kwistjoni mal-Perit tal-binja ta’ ma’ ġenb il-Mitħna fejn dawn bdew jibnu l-ħajt tal-binja eżatt mal-Mitħna.

58.4.58Il-perit wara li ra l-affarijiet ikkonferma li ser iħottu dak li bnew, ser jibnuh baxx, bil-pilastri u ser jagħmlu anke il-ħamrija.

58.4.59 Is-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat lill-Kunsill fuq il-binja ta' Triq Daniel Sammut ta' ħames sulari li wara ħafna *bargaining* ġie deċis li il-binja tiġi għolja 3 + 1 bil-garaxxijiet ikunu taħt il-livell tat-triq u jinbiegħu ma' l-appartamenti.

58.4.60 Is-Sindku għandha tibgħat lill-Kunsill e-mail li hija kienet irċeviet mingħand l-Avukata fuq dan biex din tiġi forwarded lill-Kunsilliera.

58.4.61Is-Sindku kompliet tgħid li issa nistgħu niltaqgħu ma' l-iżviluppaturi u tinfurmħhom fuq dan.

58.4.62Jekk l-żviluppaturi jaċċettaw twaqqa' l-appell pero jekk ma jaċċettawx l-appell ma twaqqawx

58.4.63 Jekk din tiġi aċċetta, s-Sindku qalet li għandna mmorru fuq il-press.

58.4.64 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi qalet li din is-sena għandna nagħmlu xi ħaġa għal Jum Ħal Lija.

58.4.65 Hija qed tisuġerixxi li jiġu l-Belly Dancers u l-Minority Leader Dr. Marc Sant qed jisuġerixxi li tkun mistiedna l-kantata Corrasson.

58.4.66Il-Minority Leader ġab kwotazzjoni ta' €300 li tinkludi l-pjanu u sitt kanzunetti minn tagħha.

58.4.67Is-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi qed tistaqsi x'tip ta' pjanu ser tuża l-kantanta. Il-Minortiy Leader għandu jistaqsi dwar dan.

58.4.68Il-Minority Leader qal li jekk irridu nagħmlu xi ħaġa iktar elaborata jista' isir kanzunetti mill-Corrasson bil-band u l-prezz jiġi jiswa €750.

58.4.69 Dan ta' l-aħħar il-Kunsill rah xi ftit għoli.

58.4.70 Jum Ħal Lija għal din is-sena huwa maħsub li isir ħdejn it-Torri u jingħalaq minn Triq Fernand Gregh sa Triq Giovanni Barbara.

58.4.71 Is-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi staqsiet lill-Kunsilliera biex jaħsbu ukoll lil min jixtiequ li jingħata Ġieħ Ħal Lija għal din is-sena wara l-quddiesa ta' ringrazzjament.

58.4.72 Is-Sindku tkellmet fuq l-istalls ta' ikel differenti ta' pajjiżi differenti.

58.4.73Hija qed tissuġerixxi li l-Kunsill għandu jiltaqa' mas-Sur Ahmed Lamin li huwa l-Media Attache tal-Libya u anke tal-Palestina li huma *willing* li jgħin fl-organizzazzjoni ta' l-istalls ta' l-ikel.

58.4.74 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia nfurmat lill-Kunsill li l-post ideajali biex issir il-bin tal-ħwejjeġ ħdejn l-iskola jista' jsir eżatt ħdejn it-taraġ. Dan joqgħod eżatt.

58.4.75Għandha nistaqsu lill-headmistress.

## 58.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u petty cash

58.5.1 Is-Segretarju ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda tal-pagamenti għal dan ix-xahar ta' Marzu.

58.5.2 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant u s-Sinjorina Lorraine Farrugia ma approvawx il-pagamenti tal-Waste Collection Ltd.

58.5.3 Fuq proposta tas-Sur Massimo Scerri, sekondat mis-Sinjorina Stephanie Cutajar, il-pagamenti ġew approvati unanimament.

58.5.4 Pagament għal Petty Cash għal dan ix-xahar ma kienx hemm allura ma kienx hemm bżonn li jiġi approvat għal dan ix-xahar.

## 58.6 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

58.6.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.00p.m. hu ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 11 ta' April 2017, fil-5:00pm.

58.6.2 Wara li spiċċat il-laqgħa il-Minority Leader Dr. Marc Sant informa lill-Kunsill, li huwa ġie offrut xogħol ieħor u li minħabba f'hekk jista' jkun li ser ikollu jirriżenja mill-kariga ta' Kunsillier fil-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija. Huwa qal li din ghada mhux mhux uffiċċjali u ser izomm lill-Kunsill infurmat.

**IFFIRMATA** **IFFIRMATA**

Magda Magri Naudi
Sindku

Georgette Borg
Segretarju Eżekuttiv